NEWSPAPER POST

# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX

Settembru - Ottubru 1991 Nru. 62

***Il-Kelma ta' l-Arċipriet***

# Dgħajsa b'moqdief wieħed

Wieħed sajjied xwejjaħ, għodwa waħda rikkeb wieħed żagħżugħ fid-dgħajsa tiegħu biex jieħu n-naħa l-oħra tal-bajja. Waqt li kienu sejrin bil-mod il-mod, iż-żagħżugħ, innota li s-sajjied kien qed juża żewġ imqadef. Fuq kull moqdief kien hemm kelma: fuq wieħed kien hemm ITLOB u fuq l-ieħor kien hemm AĦDEM.



Iż-żagħżugħ staqsa lis-sajjied: " Dan għalfejn toqgħod tuża ż-żewġ imqadef? Wieħed mhux biżżejjed. Jidhirli li l-moqdief ITLOB tista' tgħaddi mingħajru!"

Is-sajjied xwejjaħ ma tkellem xejn, refa' mill-ilma l-moqdief ITLOB u beda jaqdef b'kemm kellu saħħa bil-moqdief AĦDEM. X'ġara? Id-dgħajsa bdiet iddur u tagħqad. Iżda baqgħet fl-istess post.

Is-sajjied ta ħarsa lejn iż-żagħżugħ, u dan malajr fehem il-messaġġ ta' dik il-ħarsa. Ittenda li mhux biżżejjed ix-xogħol biex timxi 'l quddiem, iżda hemm bżonn ukoll tat-talb.

Jista' jkun li anke aħna naqgħu fl-istess żball ta' dan iż-żagħżugħ. Forsi jidhrilna li aktar ma naħdmu aktar nimxu ' il quddiem; aktar nistagħnew; aktar ingawdu. U allura nibdew inħallu t-talb.

Dari l-membri tal-familji tagħna kienu jinġabru flimkien, u flimkien mal-omm u l-missier kienu jitolbu l-għajnuna ta' Alla, u tal-Verġni Marija, b'mod speċjali permezz tar-Rużarju.

Illum fil-familji tagħna daħal daqsxejn ta' intopp li ħa l-post tat-talb u tar-Rużarju, biex ma nsemmix ukoll in-nuqqas ta' djalogu bejnietna. Il-familja tinġabar quddiem it-TV; allaħares xi ħadd jitniffes, allaħares xi ħadd jgħolli leħnu.......kulħadd cass, kulħadd attent, kulħadd illuppjat, bl-Aħbarijiet, bit-telenovelas, bil-Cartoons, bil-films, ecc.

Minħabba f'hekk il-familja ma baqgħaliex ħin għat-talb. Bl-iskuża li ma tiġborhomx, l-omm tgħid xi ħaġa għaliha. U daqshekk. It-talb l-ieħor spiċċa fix-xejn. Fejn hu t-talb ta' filgħodu li bih nroddu ħajr ' l Alla tal-lejl mistrieħ li jkun tana? Fejn hu t-talb ta' qabel u wara l-ikel li bih nitolbu l-barka t'Alla fuq il-ġid li jkun ipprovdielna? Fejn hi t-talba ta' qabel l-irqad, fejn nirringrazzjaw 'l Alla tal-ġurnata li jkun tana, bit-tajjeb u bl-ikrah tagħha?

Ħafna minna jħallu t-talb għal meta jkollhom bżonn: waqt xi mard, fil-problemi, fl-inkwiet, waqt l-eżamijiet, fil-mumenti tal-prova. Imbagħad jippretendu li Alla jismagħhom, immedjatament u jagħtihom dak kollu li jkunu jixtiequ.

Dan mhux xogħol: jeħtieġ li nifhmu li aħna ma nistgħux ngħixu sewwa bla ma nitolbu. It-Talb huwa dak in-nifs li jagħtina l-ħajja; huwa l-mezz li permezz tiegħu niddjalogaw mal-Ħallieq li tant iħobbna.

*ikompli f'paġna 6*

**GĦOTJA ŻGĦIRA DARBA F'SENA**

**ĦAMSIN ĊENTEŻMU MINN KULL FAMILJA**

*POĠĠI L-OFFERTA TAL-FAMILJA TIEGĦEK FL-ENVELOPE LI QED JASALLEK MA DIN IL-ĦARĠA U GĦADDIEH LIL MIN JAGĦTIK IL-BULETTIN TAL-ĦADD JEW FL-UFFIĊĊJU PARROKKJALI. Grazzi*

IL-BELT VICTORIA

RIVISTA TA' KULL XAHREJN

*Uffiċċju Editorjali*
*CENTRU PARROKKJALI SAN ĠORĠ*
*Triq il-Karita`, Victoria, Għawdex.*
*Tel: 556377*

## Membri Ġodda fil-Komunita' Parrokkjali:

06.07.91: JEAN PAUL, iben George Farrugia u Josephine nee' Grima.
06.07.91: JUSTIN, iben Emanuel Attard u Pauline nee' Tabone
18.07.91: JOSEPH, iben Anton Grima u Josephine nee' Cassar
27.07.91: DORIANN, bint Carmelo Farrugia u Maria nee' Portelli
28.07.91: STEFAN FRANCIS, iben Charles Mintoff u Mary nee' Tabone
28.08.91: EMANUEL, iben Peter Paul Vella u Maria nee' Bugeja
29.08.91: JONATHAN, iben Joseph Brignoli u Martha nee' Vella

## Ingħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ:

10.08.91: JOHN MARCEL MIZZI u JACQUELINE XUEREB
24.08.91: JOHN CAMILLERI u MARIA DEBRINCAT
31.08.91: JOHN CASSAR u SIMONE FARRUGIA

## Marru jingħaqdu ma' Kristu Rxuxtat:

13.07.91: PAWLU GRECH

## *Donazzjonijiet għar-Rivista*

*J.X. - Lm2 J.Pace (Ħamrun) - Lm5*
*Sam Galea (USA)..30.US$*

## Ħinijiet tal-Quddies Fil-Għaxija:

Matul il-Ġimgħa: Fil-5.00pm u fis-6.30pm
*(Matul ix-xahar ta' Ottubru jkun hemm Ružarju Meditat kuljum fis-6.00pm)*
Ħdud u Festi : Fl-4.00pm u fil-5.30pm
*(Mill-Ħadd 29 ta' Settembru l-ħinijiet ikunu fl-4.400pm u fil-5.30pm)*

*editorjal*

# GĦADDEJNA SAJF IEĦOR

Reġa' għadda sajf ieħor.Il-vaganzi spiccaw u kulħadd issetilja fil-ħajja normali tiegħu. Matul il-ġranet tas-sajf il-parroċċa tagħna baqgħet miexja bir-ritmu tas-soltu u għalkemm ċerti attivitajiet jonqsu ma ħallejniex is-sħana tagħmel bina u rqadna.

Matul il-jiem tas-sajf ,wara l-festa ta' San Ġorġ ,bdejna l-aħħar preparamenti biex jiġu fostna żewġ retawaturi Taljani ħalli jimbeda x-xogħol ta' restawr fuq il-kwadru ta' l-Erwieħ. Issa x-xogħol miexi ġmielu 'l quddiem u dalwaqt inkunu nistgħu ngawdu dan il-kwadru ta' Mattia Preti fl-oriġinalita' tiegħu bil-kuluri sbieħ li kien jaf juża dan il-pittur Kalabriż. Dan ix-xogħol huwa biss il-bidu ta' xogħol ieħor ta' restawr li hemm il-ħsieb li jitwettaq fuq kwadri oħra fil-Bażilika,bħalma huma ż-żewġ kwadri laterali fil-kor, xogħol magħruf ta' Francesco Zahra.

Matul il-ġranet tas-sajf il-parroċċa tagħna organiżżat ukoll żewġ pellegrinaġġi għal-Lourdes. Iż-żewġ pellegrinaġġi kienu suċċess u kull min ħa sehem fihom kellu kliem ta' tifħir għal mod kif kienu organiżżati. Ritratti taż-żewġ gruppi ta' pellegrini f'Lourdes qed jidhru f'paġna oħra ta' din il-ħarġa.

Inizjattiva oħra li nbdiet matul il-jiem tas-sajf kienet dik li għandha x'taqsam mal-bradella ta' l-istatwa ta' San Ġorġ. Huwa pjacir għalina ngħidu li x-xogħol biex din il-bradella tiġi dekorata b'dekorazzjonijiet tal-bronż ser jibda ma jdumx. Ix-xogħol ġie afdat f'idejn l-artist magħruf il-Kav.Alfred Camilleri Cauchi. Dan ix-xogħol ser jinbeda billi s-Sur Salvu Galea kien ħalla somma sabieħa appożitament biex isir il-bronż tal-bradella. Xi snin ilu kien ukoll sar disinn tal-Profs Guze Galea tar-Rabat ta' Malta li ser jintuża bħala bażi għax-xogħol li ser isir.J'Alla fil-festa li ġejja nkunu nistgħu ngawdu xi xogħol lest fuq din il-bradella.

Bis-sistema ntrodotta mill-Gvern "Xogħol fil-Komunita'" matul il-ġranet tas-sajf kellna magħna ħames studenti li bil-għajnuna ta' Fr.Louis Bezzina ħadu ħsieb jikklassifikaw il-kotba kollha tal-librerija biex minn din ix-xitwa li ġejja 'l quddiem tkun tista' tibda tintuża regolarment.

Ix-xogħol li wettaqna matul il-ġranet tas-sajf huwa awgurju tajjeb għal xogħol ikbar li bi ħsiebna nwettqu matul ix-xhur li ġejjin.

Nagħalqu billi nappellaw għall-ġenerożita' tagħkom fil-ġabra li qed nagħmlu ma din il-ħarġa tar-Rivista, ġabra li soltu nagħmlu kull sena biex intaffu ftit mill-ispejjes li jkollok bżonn biex tippubblika rivista kull xahrejn. Aħna ċerti li kull familja toffri ta' l-inqas ĦAMSIN ĊENTEŻMU bħala għajnuna għar-Rivista tagħna.

## NIFIRHU LIL MRO. JOHN GALEA

Xi ġimgħat ilu Mro.John Galea ħa l-B.Mus. degree (with honours) mill-Universita' ta' Durham fl-Ingilterra, b'first class award għat-teżi : "CAMILLERI - MEDITERRANEAN CROSSROADS".
Mro.Galea hu sinonomu mal-Bażilika ta' San Ġorġ, billi għal dawn l-aħħar ħdax-il sena kien id-Direttur mużikali tal-CHORUS URBANUS li jagħti s-sehem tiegħu għal numru sostanzjali ta' servizzi fl-istess parroċċa. Hu wkoll assistent surmast tal-Banda "LA STELLA" u Direttur



Mużikali tat-Teatru Astra.
L-impenji tiegħu din is-sena, barra li telgħa jippreżenta t-teżi u jdoqq il-pjanu l-Ingilterra ,kienu l-parteċipazzjoni tiegħu f'diversi kunċerti fuq il-pjanu f'Malta (wieħed mir-reportorju Franċiż u l-ieħor Taljan) u l-opra "Cosi' Fan Tutte" ta' Mozart mtellgħa mill-Opera Studio ta' Malta li tagħha hu direttur mużikali; provi mal-Banda La Stella; kitba oriġinali ta' mużika għall-Mini Musical tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni li saret fit-Teatru Astra u tħejjijiet oħra konnessi mal-Chorus Urbanus gĦall-opra "Don Giovanni" li saret dan l-aħħar fil-pjazza tal-Katidral ta' l-Imdina. Hu kkunċertja lill-numru sostanzjali ta' mużiċisti mill-Manoel Theatre Orchestra li ngħaqdu mal-Europhilarmonic Orchestra li ħadet sehem f'din l-istess opra.
Xi xhur ilu ħarġet l-ewwel antoloġija "PIANO MUSIC FROM MALTA" li fiha hemm xogħolijiet ta' Mro.Galea flimkien ma xogħolijiet ta' surmastrijiet magħrufa Maltin Azzopardi, Isuard, Nani, Pace, Camilleri u Buhagiar .
Mro.John Galea hu wkoll wieħed mill-Lecturers tal-Mużika fl-Universita' ta' Malta u jgħallem ukoll il-pjanu fl-Iskola tal-Mużika f'Għawdex.

# PELLEGRINAĠĠI GĦAL LOURDES

Dawn huma iż-żewġ gruppi ta' pellegrini li ngħaqdu magħna fiż-żewġ pellegrinaġġi li din is-sena organiżżajna għal belt tal-Madonna -LOURDES. Matul iż-żewġ pellegrinaġġi dawk li ħadu sehem kellhom iċ-cans li jżuru l-postijiet kollha konnessi mad-dehriet tal-Madonna f'Lourdes kif ukoll postijiet oħra marbutin mal-ħajja ta' Bernadette.Matul kull pellegrinaġġ akkumpanja Mons Arċipriet u l-pellegrini kellhom ċans jassistu għall-quddiesa bil-Malti fil-Grotta fejn dehret il-Madonna.



Ta' min jinnota li ż-żewġ gruppi kienu t-tnejn mimlijin u kellna wkoll oħrajn li xtaqu jiġu mal-grupp tagħna iżda billi bbukkjaw tard ma kienx



possibbli li jinstabilhom post kemm fuq l-ajruplan kif ukoll kif ukoll fil-hotel.
Matul iż-żjara tagħhom f'Lourdes il-pellegrini sabu l-għajnuna kollha possibbli ta' l-organiżżaturi u f'kull okażżjoni ngħataw ktejjeb stampat apposta b'kant u talb bil-Malti. Matul kull żjara saru wkoll ħarġiet għal Pont de Espagne u Bartręs.

# DAWL U DAWL

Għadhom kif daqqew it-tmienja u nofs ta' fil-għaxija. Ħriġt mil-lukanda, u erħejtilha lejn is-Santwarju tal-Madonna ta' Lourdes.

Is-sema kien għadu mixgħul bl-aħħar raġġi ta' xemx sajfija. L-għoljiet ħodor kienu qishom indurati bid-deheb. Erfajt rasu 'il fuq u tpaxxejt b'dan il-ġmiel tan-natura. Is-sikta kienet kbira: xejn għajjat, xejn storbju. Kollox kwiet.....kollox ħiemed. Kont taħseb li inti waħdek....iżda waħdi ma kontx. Miegħi, spalla ma' spalla, kien hemm elef u eluf ta' pellegrini bħali li kienu ġew Lourdes biex jitolbu lill-Madonna.

Sikta miksura biss mit-tħaxwix tal-ilma tax-xmara li kollu mgħaġġel kien għaddej minn quddiem il-Grotta. F'qalbi għidt: żgur li anke l-ilma jrid isellem lil Madonna bit-tħaxwix tiegħu.

Mehdi kif kont, b'għajnejja ċassi lejn il - Għar tal-Madonna, bil-kemm kemm ittendejt li d-dawl fis-sema kien għoddu intefa' għal kollox. L-għoljiet donnhom xiddew il-velu iswed, u lestew ruħhom għar-raqda tal-lejl. Leħen sod instemgħa jikser dik is-sikta li kien hemm u ħabbar li l-purċissjoni ser tibda.

U beda l-kant, u bdew l-invokazzjonijiet, u bdew it-talb....... U bħal leħħa ta' berqa, dehru jinxtegħlu il-flambeaux. Inxtegħlu x-xema' f'idejn il-miġemgħa, u x-xena ta' qabel inbidlet kompletament.

Dwal żgħar ipetptu f'idejn il-ġilwa.......u ħarist madwari, u rajt l-uċuħ ta' dawk li kienu qed iġorru x-xemgħa mixgħula. Kien hemm uċuħ żagħżugħa, b'ħarsithom mitfugħa 'il quddiem........kien hemm uċuh imkemmxa minn qillet iż-żmien li għamel ħerba mis-sbuħija ta' darba, għajnejhom kważi kważi jridu jingħalqu bil-għejja u t-telqa....... Rajt uċuħ ta' tfal imqarba li ma kienu qed jifhmu xejn minn dak li kien qed jiġri madwarhom.....rajt uċuħ daħkana li rnexxielhom fl-aħħar jaqtgħu xewqithom u jkunu f'Lourdes, il-Belt tal-Madonna.

U dan kollu fid-dawl inemnem tax-xemgħa li kienu jġorru f'idejhom.

Għaġġilt qabilhom! Tlajt f'post fil-għoli minn fejn stajt inġib kollox taħt għajnejja. U rajt il-ġilwa timxi bil-mod il-mod......Minn fejn kont nistqarr li ma stajt nagħraf lill-ħadd minn awk li kienu mexjin. Iżda rajt biss bħal xmara ta' dawl miexja bil-mod il-mod....titbiegħed minn quddiem is-santwarju matul il-wesgħa imsejħa l-Esplanade....Xebbaħtha mal-lava mikwija li tixghel nirien titgerbeb bil-mod minn ħalq il-vulkan biex issib il-post tagħha l-isfel fil-wied.

U mxiet il-folla, bid-dawl f'idejha. U kantat il-folla għalenija u l-għajnejn ta' kull bniedem li jista' jissejjaħ bniedem ixxarrbu bid-dmugħ.F'ħin minnhom, mal-kant tal-Ave Maria, il-folla refgħet 'il fuq ix-xemgħa. U d-dwal dehru iktar....u l-pjazza xegħlet.....X'atmosfera....! L-anqas Zeffirelli bil-għerf u l-kapaċita' kollha tiegħu ma jasal qatt li jidderieġi avveniment daqstant ħaj u spettakuluż daqs dak li jiġri ta' kull lejla fil-wesgħa enormi ta' quddiem is-Santwarju tal-Madonna ta' Lourdes.

*ikompli f'paġna 6*



# JIBDA X-XOGĦOL TA' RESTAWR FUQ IL-KWADRU TA' L-ERWIEĦ

Ix-xogħol tant meħtieġ ta' restawr fuq il-Kwadru ta' l-Erwieħ fil-Bażilika tagħna beda ftit ilu miż-żewġ restawraturi taljani -Sandra Pesso u Francesca Maletto.Dawn iż-żewġ restawraturi kienu ġa nġiebu Għawdex darbtejn oħra qabel biex setgħu jagħmlu studju dettaljat dwar l-istat ta' dan il-kwadru ta'Mattia Preti.

**Biex isir dan ix-xogħol hija meħtieġa somma mhux ħażin ta' flus. Ġa nġabru fondi permezz tal-wirja u biegħ ta' pitturi ta' Giorgio Rocca u anke minn diversi donazzjonijiet li għamlu xi wħud mill-komunita' parrokkjali tagħna.Permezz tar-rivista tagħna nixtiequ nħeġġu oħrajn biex jekk jistgħu jgħinu dan il-proġett ta' fejda li qed isir fil-parroċċa.**



*Waħda mir-restawraturi waqt il-fażi preleminari tar-restawr.*

## IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA F'SAN ĠORĠ

L-E.T. il-President tar-Repubblika Dr. Censu Tabone akkumpanjat mis-Sinjura tiegħu attenda għall-Konċelebrazzjoni Pontifikali Solenni nhar il-Ħadd 21 ta' Lulju 1991 meta fil-parroċċa tagħna konna qed niċċelebraw bl-ikbar sollennita' il-festa tal-patrun t'Għawdex u tagħna San Ġorġ Martri. Flimkien mal-President attenda wkoll l-Onor.Ministru għal Għawdex is-Sur Anton Tabone u s-Sinjura tiegħu. Wara l-quddiesa pontifikali kemm il-President u s-Sinjura tiegħu kif ukoll il-Ministru għal Għawdex u s-Sinjura Tabone kienu mistiedna għal bibita fl-Awla Kapitulari. Il-President Tabone sellem lil Mro.Joseph Vella u feraħlu għall-mużika tal-quddiesa li kienet ġiet esegwita,il-quddiesa "Mass in D Major", li Mro Vella kkompona f'Awissu l975 u li ndaqqet għall-ewwel darba fil-Festi ta' San Ġorġ tal-l976.

## GHOTJA B'RISQ IR-RESTAWR

L-għaqda "WIRT GĦAWDEX" bil-għajnuna tal-kumpanija Gozo Channel ippreżentat għotjiet ta' flus lil diversi għaqdiet f'Għawdex b'risq proġetti li qed jitwettqu. Fost l-għaqdiet li rċevew għotja kien hemm il-Kumitat Storiku Kulturali tal-Parroċċa tagħna.Il-preżentazzjoni saret mis-Sur Franco Masini,Chairman tal-Gozo Channel Co.Ltd. fil-preżenza ta' Dr.Paul Coppini LL.D. ,President tal-għaqda WIRT GĦAWDEX. Il-flus ser imorru għall-proġett tar-restawr tal-kwadru ta' l-Erwieħ, xogħol Mattia Preti tal-l688.

## Żewġ Statwi Ġodda fil-faċċata tal-Bażilika

Iż-żewġ niċeċ fil-faċċata tal-Bażilika dalwaqt jitpoġġew fihom żewġ statwi - San Pietru u San Pawl. Dawn iż-żewġ statwi setgħu jiġu ordnati wara żewġ donazzjonijiet minn żewġ benefatturi. L-Istatwi ta' San Pietru u San Pawl qed jinħadmu mill-iskultur il-Kav. Alfred Camilleri Cauchi u mistennija jitpoġġew f'posthom sa tmiem din is-sena.

## DAWL U DAWL jaqbad minn paġna 4

X'ħin rajt dawk id-dwal, qalbi xegħlet bil-ferħ.....Dan hu d-dawl li d-dinja ta' żmienna għandha bżonn biex tkun tista' timxi fis-sod. Dan hu d-dawl li jixhed il-ferħ, it-tama, l-imħabba u l-fidi li hemm mistura fil-bniedem. Dan hu d-dawl li permezz tiegħu d-dinja tidher isbaħ, aħjar, iktar f'postha.

U ftakart fi dwal oħrajn: id-dwal ipetptu tad-discos ta' pajjiżna.... anke hemm wieħed jista' jgawdi d-dwal li kun hemm. Iżda x'differenza..... dwal imċajpar mill-foga ta' dħaħen qerrieda, li jitilgħu jinbarmu ' il fuq, wara li jkunu stordew lil dawk li jkunu pejpuhom.

Dawl ikkulurit, minn kull lewn tal-qawsalla. Raġġi ta' dawl li jaħbtu flimkien, jissallbu f'xulxin. li jdawwlu l-art sewdiena, jew il-mirja mtappna taċ-ċentru taż-żfin.

Kos!. x'differenza!!.......Mhux l-ewwel darba ħarist lejn l-uċuħ taż-żgħażagħ mitlufa fiż-żfin. Iż-żebgħa ma' wiċċhom tbiddlilhom is-sbuħija naturali li lkoll għandhom. Jilbsu l-maskra li donna taħbilhom xi ftit mill-ħmura ta' wiċċ li , aħmar bil-mistħija, ma jkunx irid jidher kif inhu quddiem l-oħrajn.

Hemmhekk ukoll inkun il-hemm il-folla,...ir-rassa!. Hemmhekk ukoll il-folla tinġemgħa, u wieħed jaħbat mal-oħra. Fid-discos ukoll tara bnedmin jixxenglu bil-għejja u bin-nuqqas ta' ħeġġa.

X'differenza mil-Lourdes!

Flok il-fwieħa ta' mitt-elf warda li jsenslu kuruna madwar l-istatwa tal-Madonna, fid-discos ixxomm ir-riħa qawwija tax-xorb, li jistordi u jbellah lil kull min jieħu minnu.

Flok is-skiet u l-ħemda ta' Lourdes hemm l-għajjat sfrenat tad-DJ, li f'pika mad-diska li jkollu tagħqad u ddur madwaru, jerfa' leħnu biex mingħalih jagħti l-ħajja lil dik iċ-ċorma nies ta' eta' żgħira li għax ma għandix fejn tmur tqatta' sagħtejn jew inkella biex tagħmel bħal ħaddieħor tingħalaqlek f'sala li twegħdek ħafna u ma tagħtik xejn.

Flok il-paċi u s-sliem fil-qalb li wieħed iħoss ġewwa Lourdes, hemm il-vojt u l-baħħ li jkomplu jtaqqlu d-dwejjaq li wieħed ikun ipprova jneħħi bil-mawra tiegħu ġewwa Disco.

Flok rispett u mħabba lejn il-ġisem tal-bniedem li joktor ġewwa Lourdes hekk kif tara dawk il-bnedmin ħutek imkissra bil-mard, hemm il-passjoni sfrenata u mġewwħa ta' bnedmin li jridu jesperimentaw u bl-iskuża ta' l-imħabba jweġġgħu lil min ikun hemm magħhom bl-inġieba egoista tagħhom.

Jintefa' id-dawl ġo Lourdes, u n-nies għajjiena b'dak kollu li twettaq matulek ja jum, taħseb biex tinġabar lejn il-lukanda, u hemm tistrieħ. Iżda donna tħoss xi ħaġa tgħidilha: baqa' ħaġa oħra li jonqos tagħmel: ejja fil-Grotta, u sellem lil Madonna. Agħtiha l-lejl it-tajjeb, roddilha ħajr tal-ferħ, tal-paċi, tas-salib ta' dan il-jum.....u mbagħad kulħadd imur jistrieħ, u jmidd rasu fuq l-imħadda, bla ebda rimors, bla ebda inkwiet, bil-paċi fil-qalb.......u dmugħ il-ferħ iġelben ma' ħaddejk, hekk kif tipprova tagħlaq għajn ma' għajn

Jintefa' id-dawl tad-Disco: u l-folla tixxengel toħroġ għalenija. U kulħadd jgħajjat u jwerżaq f' nofs ta' triq, għax hekk draw jagħmlu fid-disco, li biex titkellem trid tgħajjat għaliex inkella ma jisimgħukx...u ma tittendix li barra ma ghandekx għalfejn tgħajjat iżjed biex tinstema'. U tmur id-dar għajjien. Stordut....imkisser...Mort biex tistrieħ u ħriġt għajjien...mort biex tifraħ u ħriġt imdejjaq...mort biex issib il-ħbieb u spiċċajt waħdek. U ntfajt minn tulek fuq is-sodda, u ppruvajt tagħlaq għajn ma' għajn u għalkemm xfar għajnejk għajjiena u ħomor nar ma rnexxilekx. U dmugħ ġelben ma' ħaddejk...... u xorta ma rqadtx, jew aħjar irqadt, imma xorta ma strieħajtx.

Naf, ser tgħidli: mhux kulħadd jista' jmur Lourdes bħalma ghamilt int.... Għandek raġun, u nixtieq li sinjurun biex inħallaslek il-vjaġġ biex tkun tista' tagħmel din l-esperjenza li żgur ma tħallikx l-istess. Biss: m'hemmx għalfejn tmur Lourdes biex tgħix kuntent.....għandna dwal oħra li bħad-dawl ta' Lourdes ipetptu ferħana....huma d-dawl inewnem quddiem l-akbar ħabib li int qatt jista' jkollok.

Mur Ħabib. Mur ħdejH fis-sikta tal-knisja. U hemm, bħal Lourdes il-qalb tiegħek timtela' bil-ferħ.

## Dgħajsa b'moqdief wieħed jaqbad minn paġna 1

Ejjew nagħmlu ħilitna kollha biex nerġgħu nibdew nitolbu flimkien fil-familja. Ejjew insibu ħin li jlaqqgħana flimkien u nerfgħu 'il fuq ħsebijietna lejn Alla li tant iħobbna.

Dalwaqt jibda' ix-xahar għażiż ta' Ottubru, x-xahar iddedikat lil Madonna tar-Rużarju. Għaliex ma nagħmlux ħilitna kollha biex nibdew nirrecitaw dan ir-rużarju flimkien, ninvolvu iktar lill-uliedna, żgħar u kbar biex jgħiduh magħna. Ejjew nitolbuhom dan ir-rigal mingħandhom li jaċċettaw li nitolbu flimkien.

Forsi nkun nitlob xi ħaġa kbira jekk nistedinkom sabiex jekk inhuwa possibbli din ir-reċita tar-Rużarju ngħiduha flimkien, mhux il-biss familja familja, iżda l-familji kollha li jiffurmaw il-komunita' parrokkjali kollha quddiem Ġesu' Sagramentat!?!

Iva, Ġesu' u Marija qed jistednukom sabiex ta' kull filgħaxija nitolbu lkoll bħala familja waħda quddiem Ġesu' Sagramentat espost fil-knejjes tagħna. Ikun l-ikbar rigal li nagħtu lil Ġesu' u lill-Marija: rigal li filwaqt li jagħti pjacir u gost lil dawn iż-żewġ personaġġi kbar, ikun ukoll rigal li jagħmilna iktar sinjuri spiritwalment u jgħinna ngħixu aħjar il-ħajja tagħna.

## Kelma għat-tfal

Għeżież tfal,
Illum irrid ngħidilkom storja.
Samantha kienet mara twajba, armla bi tlitt itfal kbar, kollha b'saħħithom, li kienu jaqilgħu l-ħobża ta' kuljum mill-baħar ,għax kienu sajjieda.Id-dar tagħhom kienet imperrċċa fuq sies f'waħda mill-gżejjer żgħar, kważi diżabitati tal-Hawaii.
Jum wieħed it-tfal ħargu bħas-soltu għas-sajda.Iżda għal-ħabta ta' nofs in-nhar, l-arja mtliet bi ċpar oħxon li kebbeb il-madwar fi sħaba bajdanija li ksiet il-baħar kollu.
L-omm kienet weħidha, tistenna u tittama li wliedha jfittxu jaslu.iżda beda jidlam u dawn kienu għadhom ma tfaċċawx. F'daqqa waħda ġieha ħsieb f'moħħha, ħsieb ta' ġenn. Resqet lejn darha,neħħiet minnha l-ħwejjeġ l-iktar utli, u tatha n-nar. Din malajr ivvampjat u l-leħħa tagħha telgħet 'l fuq. U;iedha mitlufa f'nofs ta' baħar, raw id-dawl u qadfu b'kemm kellhom saħħa u ħila. U fl-aħħar waslu mifluġa. Fuq ix-xtajta kien om mhom tistennihom.
"Ma, dak x'dawl rajna? Dak salvana!" qalulha.
"Dik kienet id-dar tagħna. Tajtha n-nar!"
Uliedha tbellħu:"Tajtha n-nar! Issa x'ser nagħmlu bla dar?"
"Aħjar bikom madwari u bla dar, milli bid-dar u mingħajrkom!"
Għalfejn għidtielkom din l-istorja tfal? Biex tkunu tafu l-omm kemm tħobb lil uliedha. Għax xi drabi tiġi xi omm fejni u tgħidli:"Għandi t-tifel kemm iħabbatni!" jew "Għandi t-tifla kemm ma tobdinix!"
Hekk tafuhulha lil ommkom ta' l-imħabba li tħobbkom! Wara li tagħmel daqshell sagrifiċċji għalikom! Ara ma tkunu ingrati! Qisu li lil ommkom tħobbuha u ġġibulha dejjem ir-rispett li jistħoqqilha.
Nawguralkom sena skolastika mill-aħjar.

***Tata' Iz-Zlju Peppl***

# Isem Malta u Astra Jidwi f'Sabratha u Tripoli



*Adelina Attard flimkien mal-grupp f'Sabratha.*

Fl-Anfiteatru Ruman ta' sabratha fil-Libja eluf ta' spettaturi laqgħu b'applawsi kbar u għajjat ta' ferħ wirja eccezzjonali ta' żfin u kant li l-Group Folkloristiku Astra ta waqt serata ta' divertiment li nżammet bħala parti mill-festi li ġew organizzati biex ifakkru l-Jum Nazzjonali tal-1 ta' Settembru. Il-Group Astra, li kien il-mistieden tal-Gvern Libjan għal dawn il-festi kommemorattivi, ta wirja stupenda li saħħret u entużjażmat il-miġemgħa kbira ta' nies miġbura fl-Anfiteatru, ewlenin fosthom ministri governattivi, kapijiet ta' diversi taqsimiet fl-amministrazzjoni ċivili u bosta personalitajiet oħra distinti. Il-wirja tal-Group Għawdxi saħansitra fost wirjiet oħra li gruppi oħra barranin mistiedna għal dawn il-festi taw għall-okkażjoni; tant li l-Group Folkloristiku astra kien l-uniku Group li ġie preżentat bil-Professional Artists Diploma għal livell għoli li laħaq. Il-Gruppi l-oħra li ipparteċipaw flimkien mall-Group Astra kienu mill-Eġittu, Yemen, Gibolti, Saudi Arabia u oħrajn mil-Libja.

Tul il-mawra tiegħu fil-libja l-Group Astra ippreżenta wirjiet oħra folkloristiċi f'Sabratha kif ukoll fil-belt kapitali Tripoli, fejn il-Group ingħata trattament speċjali f'waħda mill-aktar lukandi lussużi tal-post. Hawnhekk il-Group ingħata pubbliċità kbira kemm mill-mezzi tax-xandir kif ukoll mill-istampa. Għadd ta' ġurnali ippubblikaw ritratti u rapporti dwar wirjiet tal-Group, waqt li tnejn minnhom (Green Flag u il-Festival) iddedikaw żewġ paġni esklussivament għal intervisti mal-Group. Żewġ stazzjonijiet tat-T.V. - National Libyan T.V. u New Private Satellite T.V. Channel - ukoll taw prominenza kbira lill-Group Astra.

Lejn tmiem il-mawra ta' disat ijiem li qatta' fil-Libja, il-Group kien il-mistieden tal-Amaxxatur Malti fil-Libja, George Saliba, għal Riċevimnt li ngħata fl-Ambaxxata Maltija. L-Ambaxxatur Malti nqeda bl-okkażjoni biex jifraħ lill-Group Astra għall-wirjiet kbar li ta fil-Libja u li komplew jagħtu ġieħ u unur lil Malta u Għawdex.

Il-Group Folkloristiku Astra kien immexxi mid-Direttur Artistiku tiegħu Manwel Grima, flimkien ma' Mro Joseph Bezzina, direttur mużikali tal-Orkestra. Il-Group, iffurmat minn 18 il-persuna, kien jinkludi wkoll lill-kantanta Adelina Attard, li ħalliet impressjoni tajba ħafna fix-Shows kollha li fihom ħadet sehem flimkien mall-Group.

# EMBLEMA TA' L-ALABASTRU LIS-SOCJETA' LA STELLA



Biex tfakkar is-sehem tagħha fil-Festa ta' din is-sena ta' San Ġorġ Martri'il-Banda "Sliema" irregalat lis-Soċjeta' Filarmonika "La Stella", bħala organiżżaturi tal,-festi ta' barra, l-emblema uffiċċjali ta' din il-banda ewlenija Għawdxija.

Il-preżentazzjoni ta' l-emblema saret mill-President ta' Malta, Dr. Ċensu Tabone, li huwa wkoll il-president tal-Banda "Sliema", lill-President tal-Banda Ċittadina "La Stella", Dr. Joseph Ellis, waqt ċerimonja li nżammet fil-gallerija prinċipali tal-Każin La Stella. Delegazzjoni tal-Kumitat tal-Banda "La Stella" tat merħba lill-President Tabone mal-wasla tiegħu fil-każin filwaqt li l-Banda "Sliema" sellmet lill-President tagħha bid-daqq ta' l-Innu Nazzjonali u l-Innu Sliema ta' Gardenio Botti.

L-Emblema li ngħatat lis-Soċjeta' Filarlonika "La Stella" ġiet maħduma fl-alabastru Għawdxi mill-marmista magħruf Ronnie Pisani. Bħala sinjal ta' apprezzament għal din il-għotja, il-President tal-Banda "La Stella" Dr. Joseph Ellis ippreżenta lil Dr. Tabone bi 'frame' bi xbieha ta' l-istatwa artistika ta' San Ġorġ- ***l-ewwel statwa titulari t'Għawdex.***

## PREŻENTAZZJONI ta' STANDARD lill-Filar."KING'S OWN"

Il-Filarmonika "King's Own" tal-Belt Valletta ġiet ippreżentata bi stendard bis-salib aħmar ta' San Ġorġ mis-Soċjeta' Filarmonika "La Stella". Il-preżentazzjoni ta' dan l-istandard saret mis-Segretarju Ġenerali tal-Banda La Stella , is-Sur Paul M. Cassar,lill-Viċi-President tal-King's Own , is-Sur Alfred Camenzuli, waqt il-programm mużikali li l-Banda King's Own esegwiet fi Pjazza San Ġorġ lejlet il-festa. L-Istendard ġie mbierek mill-Arċipriet tal-Bażilika Mons Salv Borg.



Il-Filarmonika King's Own għandha rabta speċjali mal-festa ta' San Ġorġ peress li ilha 'l fuq minn 70 sena tipparteċipa fil-festi ta' barra li jsiru kull sena fil-Belt Victoria f'ġieh il-Qaddis Patrun t'Għawdex.

## Korsijiet dwar Mudellar u Arranġamenti ta' Fjuri

Wara s-suċċess li nkiseb bl-ewwel żewġ korsijiet ta' Mudellar u Arranġamenti ta' Fjuri li saru aktar kmieni din is-sena fil-Kumpless tat-Teatru Astra, Modelle International u Ronfleur għandhom il-pjaċir jiedu korsijiet oħra simili mix-xahar li ġej 'l quddiem. Dawk interessati għandhom jikkuntattjaw minnufih lill-organizzaturi billi jċemplu f'dawn in-numri tat-telefon: 450489 jew 246509.

★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★

## Kartolina tal-Milied

Il-parroċċa tagħna stampat numru limitat ta' kartolini tal-Milied bil-kwadru ta' Madonna ta' Mejju li jinsab fil-Kor tal-Bażilika tagħna. Il-Kartolini stampati bil-kulur jinsabu għall-bejgħ mill-Uffiċċju Parrokkjali. Min jixtri minn dawn il-kartolini jkun qed jgħin lill-parroċċa.

★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★★

**CALYPSO FAIR**

**Il-Fiera Annwali tal-Ħarifa fil-Kumpless tat-TEATRU ASTRA**

**8-9-10 ta' NOVEMBRU 1991**

A+M PRINTING LTD. - 553217

IL-BELT VICTORIA

SUPPLIMENT

Settembru - Ottubru 1991

# Għawdex Irodd Ħajr

Fuq l-inizjattiva ta' żewġ saċerdoti żgħażagħ tal-Parroċċa tagħna. ir-Rev.Dr.Joseph Farrugia u r-Rev.Ġorġ Frendo, tfakkar u ngħata ġieħ bniedem li għamel unur lill-gżiritna - **MONS GIUSEPPE FARRUGIA** - magħruf mill-poplu bħala ***"Dun Ġużepp tal-Vers"***

Dan is-saċerdot li kien kważi ntesa mill-poplu kien jistħoqqlu verament li jkun mfakkar u jingħata ġieħ kif deher mill-kunċert ta' mużika sagra li sar fil-Parroċċa tagħna kif ukoll mill-wirja li ġiet imtellgħa fil-Banca Giuratale. Kienet verament inizjattiva ta' minn ifaħħarha u jinkoraġġiha u għalhekk li sabet l-għajnuna tal-Ministeru għal Għawdex kif ukoll il-patronaġġ tas-Segretarjat tal-Kultura u tal-Kunsill tal-Kultura t'Għawdex.Għalhekk deherilna li huwa xieraq li nfakkru b'suppliment dawk l-attivitajiet li saru biex jibqa' imfakkar Mons Giuseppe Farrugia: il-Kunċert ta' Mużika Sagra,li kien l-ewwel attività' tal-Maltafest '91 f'Għawdex; il-kxif u tberik ta' lapida fi Pjazza San Ġorġ,b'bust tal-bronż maħdum lill-artista l-Kav.Alfred Camilleri Cauchi; u l-wirja dwar ħajtu u ħidmietu li saret fil-Banca Giuratale.




*Il-Lapida li tfakkar lil Mons Giuseppe Farrugia fi Pjazza San Ġorġ*





*Waqt il-Kunċert ta' Mużika ta' Mgr. Farrugia fil-Bażilika*



*Mons. Arċipriet jindirizza l-miġemgħa qabel il-kxif tal-lapida. Jidher ukoll il-Ministru għal Għawdex, Mons. Isqof N. Cauchi u Mons. E. Mercieca, Arċipriet Emeritus*

# MONS GIUSEPPE FARRUGIA

## Diskors mir-Rev.Dr.Joseph Farrugia fl-okkażżjoni tal-ftuħ ta' wirja dwarhu

### Fil-Banca Giuratale

### Nhar il-Ġimgħa, 12 ta' Lulju 1991



*Onorevoli Ministru,*
*Eccellenza Reverendissima,*
*Wisq Rev. Sinjuri tal-Kapitlu Katidrali,*
*Wisq Rev. Sinjuri tal-Kapitlu tal-Bażilika ta' San Ġorġ,*
*Reverendi Sinjuri,*
*Sinjuri,*

Fil-mixja ta' ħajjitna niltaqgħu ma' bosta bnedmin. Uħud minnhom nagħrfuhom, insellmulhom u nitkellmu magħhom. Oħrajn mhux talli ma niklux magħhom, iżda bilkemm nilmħuhom u malajr ninsewhom.

Il-ħajja tlaqqana wkoll ma' ħafna oħrajn li lanqas biss nintebħu bihom.Riġlejhom u riġlejna jterrqu l-istess mogħdijiet, forsi jirfsu wkoll l-istess egħtiebi jekk mhux saħansitra jmiddu l-istess passi. Dan,iżda,jagħmluh bla qatt jintebħu bil-passi ta' xulxin.

Hekk aħna l-bnedmin!
Ngħaddu mit-toroq tagħna u naqsmu l-pjazez ta' blietna bla ma naħsbu f'dawk l-irġiel u n-nisa bħalna, ta' żminijietna u ta' żminijiet l-imgħoddi li bħalna u magħna, igħaddu jew għaddew mill-istess naħiet u għexu fl-istess inħawi.

Tabilħaq hekk magħmul il-bniedem!
Mehdi bih innifsu, m'għandux ħin għal ħaddieħor; milwi b'ħotbietu, ma jimpurtahx minn ħotbiet l-oħrajn.Meta jiġih l-għatx jixrob mill-egħjun li skoprew missirijietu jew mill-bjar li ħaffru nannietu bla ma jroddilhom l-iċken ħsieb ta' għarfien jew ħajr.

Hekku l-bniedem! Nifthiemu, mhux kull bniedem, iżda dak li l-aktar wieħed jiltaqa' miegħu fid-dinja tagħna. Aljenat! Mifxul! Jinsa!

Iva ,jinsa il-bniedem!

Jinsa l-ewwelnett għax hu esseri finit u allura *moħħu ma jiflaħx jerfa' kollox f'daqqa* ,ta' l-imgħoddi mbiegħed u tal-bieraħ miegħu

Jinsa wkoll għax il-fakultajiet ta' ruħu, dment illi għadom f'ġismu, jaħdmu permezz ta' l-organi tal-ġisem, u ladarba dawn huma *suġġetti għall-għeja u t-taħsir*, l-effiċċjenza ta' l-intellett u tal-memorja taħbat tnin u titlef mis-senna tagħha.

Imma xi drabi - u wisq drabi - u hawnhekk hu d-dnub tal-bniedem - il-bniedem jinsa *għax hekk jaqbillu*, għax ma jkunx irid iġorr ir-responsabilta' tal-passat, għax dik "li jagħti" anke li jagħti biss ħajr, wisq drabi tiġih tqila.

*Sinjuri,*
Illum inġbarna sabiex niftakru; sabiex inġeddu l-memorja fina u fostna ta' wieħed mill-ulied kbar ta' gżiritna: Il-W.R. Monsinjur Giuseppe Farrugia, magħruf b' "Dun Ġuzepp tal-Vers" li għex bejn l-1852 u l-1925.

Iltqajna sabiex niftakru fih. Iltqajna sabiex niftakru f'min ma kellniex ninsew: benefattur kbir tal-kultura tagħna, ta' l-identita' tagħna, tal-Knisja tagħna.

Konna nsejnih lil Mons Farrugia. Jiena ma nafx ngħid għaliex insejnieh.Ma nafx liema naqbad nagħżel minn fost it-tliet dgħufijiet umani li semmjejt; jiġifieri dik li ġejja mit-trab,mill-mard jew mid-dnub biex nispjega l-għibien kważi sħiħ tiegħu mill-memorja tagħna. Ma nafx ngħid jekk dan in-nuqqas lilna jixliniex bil-ħtija jew għandux egħruqu fid-dgħjufija tat-trab ta' l-art li minnu aħna msawrin. X'aktarx illi hu taħlita ta' dawn il-fatturi kif ukoll taċ-ċirkustanzi soċjali u sotto-kulturali li ħakmuna f'dawn l-aħħar ġenerazzjonijiet.

Huma x'inhuma r-raġunijiet, jibqa' dejjem għajb għalina li bniedem ta' din ix-xorta, ċittadin u saċerdot li ġa fi żmienu kien imfaħħar bħala" ornament ta' din il-gżira" mhux talli ġie mċaħħad minn mafkar li jixhed għall-merti tiegħu u għall-ġieh li jistħoqqlu iżda talli kważi għeb mill-memorja tagħna. Xrobna minn għerfu, inqdejna b'ħidmietu, stagħnejna b'sengħetu, u nsejnieh!

Imma illum u fil-jiem li ġejjin, irridu niftakru fih. Illum irridu niftakru f'saċerdot li ma kellna qatt ninsew. Irridu nsiru nafu lil bniedem ta' l-arti li messna ilna nafu. Irridu nagħtu ġieh lill-patrijott li messna ilna nwġġħuh. Il-wirja li intom ,Onorevoli Ministru u Mons Isqof ser jogħġobkom tinawguraw għandha l-għan li tagħti ġieh lil Mons Farrugia billi ġġeddilna t-tifkira tiegħu u tintroduċina fil-misteru tal-ħajja ammirevoli u eżemplari tiegħu.

Din il-wirja dokumentarja u ritrattistika għandha tlett għanijiet: li tgħidilna min kien Mons Farrugia, li tintroduċihulna billi tlaqqagħna miegħu , u li ddewqilna l-ispirtu tiegħu - sakemm dan hu possibbli li jsir permezz ta' wirja!

**Għandha l-ewwelnett l-għan li tgħidilna minn kien Mons Farrugia.** Dan l-ewwel għan tagħha, il-wirja trid tilħqu bit-tagħrif li tagħti dwaru. Tagħrif limitat, meqjus, magħżul u rispettuż. Tagħrif illi mhux bilfors li jagħmel ġustizzja ma' Mons Farrugia għax biex titkellem b'ġustizzja dwar persuna lil din il-persuna trid tkun tafha u tafha tajjeb.

It-tagħrif li tagħti l-wirja dwar Mons Farrugia ġej minn tliet egħjun:

*Ġej l-ewwelnett, minn *dak li smajna jingħad dwaru* minn xi persuni li jafu lil minn kien jafu sewwa,għax qribu u fi żmienu.

*Għajn oħra ta' tagħrif huma *l-kitbiet dwaru*, kitbiet ġurnalistiċi li lanqas jgħoddu sas-swaba ta' idejna. Iżda riċentement sar studju serju u interessantissimu dwar Mons Farrugia mill-mużiċista kompajżan Stephen Attard fil-kors universitarju tiegħu għall-Baċellerat fl-Edukazzjoni.

*Forsi l-għajn l-iktar importanti hija dik li tikkonsisti fil-*massa mdaqqsa ta' materjal ,manuskritt aktar milli stampat, li l-awtur tiegħu hu l-istess Mons Farrugia.*

Hawnhekk ippermettuli, jekk jogħoġobkom, f'ismi ,f'isem sieħbi fil-ħsieb wara din il-wirja u fil-kostruzzjoni tagħha Dun Ġorġ Frendo, u f'isem dawk l-oħrajn li ħadmu magħna, inrodd ħajr mill-qiegħ nett ta' qalbi lill-Wisq.Rev. Arċipriet Emeritus Mons Emanuel Mercieca (hawn preżenti) li ġentilment u ġenerożament qiegħed għad-dispożizzjoni tagħna l-parti l-kbira u l-iktar importanti ta' l-esebiti li jinsabu f'din il-wirja. Permezz ta' dawn l-esebiti, ikoll kemm huma,ħlief għal xi waħdiet,dokumenti oriġinali, wieħed jista' jara b'għajnejh - u nitlobkom bla ma jmiss b'idejh - il-kobor kulturali u nisrani ta' Mons Farrugia.

******************

Min kien Mons Farrugia? Din hi l-mistoqsija li t-tweġiba tagħha tikkostitwixxi l-ewwel għan ta' din il-wirja. Mistoqsija li mhix faċli. Għax hi waħda minn dawk il-mistoqsijiet li jissuperaw il-possibilita' ta' tweġiba sodisfaċenti. U billi jien ma nagħmilx l-impossibbli, u lanqas nippretenti li qatt nagħmlu, nillimita ruħi għal tliet osservazzjonijiet.

Min kien Mons Farrugia?

Minn dak li smajt mingħand nies li semgħu dwaru, nista' ngħid li Mons Farrugia kien ċertament bniedem li tixraqlu l-ammirazzjoni tagħna: bniedem ammirevoli għall-kapaċitajiet artistiċi u mużikali tiegħu, għat-tjubija u għall-ġenerożita' nisranija tiegħu, għall-għerf u għar-rigorożita reliġjuża tiegħu....għall-imħabba sħiħa tiegħu lejn Alla u lejn pajjiżu.

Minn dak li qrajt dwar Mons Farrugia jidher li hu kien dan kollu u aktar. Fir-reġistru ta' l-istudenti tas-Seminarju tas-snin 1866 - 1870,jiġifieri s-snin li fihom Giuseppe Farrugia kien student, hemm miktub dan il-kumment taħt ismu : *"ottimo in tutto e sempre il primo"* - "l-aħjar f'kollox u dejjem l-ewwel". Hekk kienMons Farrugia meta kien għadu student. U jidher li hekk baqa' sa meta miet : ottimo in tutto e sempre il primo.

Min kien Mons Farrugia? Din hi dómanda li l-wirja tixtieq, modestament tgħinkom twiegħbu. Il-wirja hi għajn li minnha intom mistiedna tixorbu sabiex taslu tagħmlu ġudizzju - nitlobkom, mhux primarjament dwar il-wirja nfisha li m'għandiex pretensjonijiet barranija izda - dwar il-persuna li t-tifkira tagħha l-wirja tixtieq iġġedded u isseddaq.

Barra milli tagħtina tagħrif dwar Mons Farrugia il-wirja trid wkoll - u dan hu t-tieni għan tagħha - **tintroduċihulna.** Kif tista' qatt tagħmlu dan,nisthajjilkom tistaqsu, ladarba hu miet fl-1925, jigiefieri 66 sena ilu?

Il-wirja tipproponi li dan tagħmlu billi tlaqqagħna ma' xi grajjiet li sawwru t-tifsila ta' ħajtu, ma l-inħawi li fihom kien igħix, ma xi ħidmiet li hu wettaq, ma' l-ammirazzjoni li biha kien imdawwar, mal-fiduċja li hu kien igawdi minn kbar u żgħar, ma' l-imħabba li kellhu għall-poeżija, il-mużika u l-kelma miktuba bir-reqqa u mitkellma bil-ħeġġa.

Hekku l-wirja tipproponi li tintroduċihulna permezz tad-dokumenti u tar-ritratti li jixhdu għal dan kollu.

**It-tielet għan tal-wirja hu li ddaħħalna fil-misteru ta' l-ispirtu tiegħu, iddewwaqulna** - sakemm dan hu possibbli, kif ġa għedna.

Il-wirja tipproponi li dan tagħmlu billi tagħmel aċċessibli għalina d-diversi espressjonijiet li nkarnaw l-ispirtu intelletwali, artistiku u nisrani tiegħu: il-poeżija, il-proża, id-disinn, il-mużika, l-oratorija u l-istudju rigoruż tiegħu. Dawn l-espressjonijiet kulturali li jinkarnaw l-ispirtu ta' Mons Farrugia jaħdmu bhal ma jaħdem il-ġisem : Hu permezz tal-ġisem li l-ispirtu tagħna, jiġifieri aħna, nidħlu f'kuntatt ma xulxin. Iżda meta ngħidu ġisem aħna qed nifhmu wkoll l-egħmejjel jew l-opri li l-bniedem iwettaq permezz tal-ġisem u li mbagħad isiru estensjoni tiegħu. Imma waqt li l-ġisem imut l-opri jibqgħu, u jibqgħu jitkellmu! L-opri jitkellmu meta l-fomm jiskot. Hekk ukoll baqghu jitkellmu l-opri ta' Mons Farrugia. Huma issa saru l-espressjonijiet ta' l-ispirtu tiegħu.

Dawn l-espressjonijiet kulturali li tlaqqagħna magħhom il-wirja, espressjonijiet li jinkarnaw l-ispirtu ta' Mons Farrugia,idewqulna l-fidi tiegħu, il-ġenerożita' u l-lealta' tiegħu, l-imħabba lejn il-Knisja u lejn il-gżira tiegħu, is-sensibilita' awtentikament artistika tiegħu, il-perfezzjonalita' tiegħu...iżda fuq kollox l-umilta' tiegħu. Minn dan kollu ,u aktar ,kien u għadu magħmul l-ispirtu ta' Mons Farrugia.Il-wirja trid tkun mezz sabiex dan l-ispirtu ,li minnu ikun ta' ġid għalina li nixorbu, tagħmlu aċċessibbli għalina.

*Onorevoli Ministru, Eccellenza Revendissima,Sinjuri.*
Il-kobor ta' bniedem ma jitqiesx minn dak li l-bniedem jipposiedi u jżomm għalih, iżda minn dak li l-bniedem jagħti u jqassam lill-oħrajn.

Il-kobor ta' Mons Farrugia hu f'dan: hu ta minn dak li kellu, **u għax nisrani** hu ta ukoll minn dak li kien.

**Kien fuq kollox bniedem ta' fidi u tal-Knisja:** Ta minn din il-fidi u qeda bir-reqqa lill-Knisja bħala Saċerdot Żelanti,fil-Parroċċa ta' San Ġorġ Martri li fiha tgħammed, fi ħdanha trabba, u li tant kien iħobb, bħala Kanonku Teologu u

mbagħad Dekan fil-Knisja Katidrali fejn assidwament qeda d-dmirijiet tiegħu b'reqqa kbira, bħala Segretarju u Ħabib leali ta' l-Isqof Pietru Pace,bħala Professur u Rettur fis-Seminarju kif ukoll bħala Vigarju Ġenerali. Tassew jixirqulu l-kelmiet li Mons Paolo Cauchi kien kiteb wara mewtu: Mons Farrugia kien *"vero ornamento del clero delle due isole"*
Iva, is-Saċerdot Giuseppe Farrugia ta minn dak li kellu u minn dak li kien!.

**Kien ċittadin li ħabb lill-art twelidu :**
Kitbilha poeżiji, kantalha innijiet, iddefenda b'mod kritiku u rigoruz (skond il-possibiltajiet akkademiċi ta' żmienu) id-dritt ta' l-Għawdxin li bħall-Maltin jgħoddu rwieħhom bħala wlied spiritwali ta' l-Appostlu Pawlu. Lill-art twelidu qdiegħa wkoll bħala Bibljotekarju, Għalliem fl-iskola sekondarja ,Konsulent ta' l-Amministrazzjoni Ċivili, Kummissarju tal-Karita'. Imma qdiegħa fuq kollox billi għaniha b'opri ta' l-arti u tal-mużika li jqiegħduha fuq quddiem nett fil-kwadru mużikali u artistiku lokali.

Hekku! Mons Farrugia kien artist u l-arti tiegħu ma żammhiex moħbija iżda tahielna. Ta minn dak li kellu.

Kien oratur: Xandar il-kelma mill-aqwa pulpti, kif ukoll minn dawk taċ-ċkejkin, dawk li ilsienhom kien Malti u widnejhom ma kienux sensibbli għajr għall-ilsien Malti. Mons Farrugia kien ħafna aktar. u kellu u ta minn dak li kellu u hekk stagħnew in-nies ta' żmienu u stagħnejna aħna, stagħniet l-identita' tagħna, u stagħniet il-kultura tal-gżejjer tagħna.

Il-wirja li minn hawn u mument ieħor ser nitolbok ,Onorevoli Ministru biex tiftaħ u lilek Eċċellenza Reverendissima biex tbierek, trid tkun għodda sabiex tfakkarna f'dan kollu.

Konna nsejnieh lil Mons Farrugia. Iżda donnu li hemm ċerti bnedmin, bħal Mons Farrugia ,li ma jħallukx tinsihom.

Ir-ruħ tagħhom li ma ssaportietx fil-qafas ta' ġisimhom dment kienu fuq l-art, ma toqgħod qatt għall-ħakma ta' l-art. Il-ġisem miet iżda r-ruħ tagħhom ma ndifnitx miegħu.

Il-ġisem ta' Mons Farrugia jinsab jistrieħ taħt l-irħama li tgħattih fil-Katidral tagħna, iżda l-ispirtu tiegħu ma ndifen qatt, għeb iva mill-memorja tagħna iżda ma heda qatt isevina , forsi bla ma ntbaħna, billi jagħni l-faqar tagħna bil-ġid spiritwali u kulturali li bih imliena.

Mons Farrugia ħalla t-timbru tiegħu fl-istorja t'Għawdex u dan hu timbru ewlieni. Minħabba dan Għawdex għandu jħossu obbligat lejh.

Il-lapida kommemorattiva tar-rħam u l-bronż li ser tiġi nawgurata nhar it-Tnejn li ġej fi Pjazza San Ġorġ waqt il-kunċert ta' mużika komposta minnu trid tkun sinjal permanenti ta' dan l-obbligu ta' Għawdex lejh.

Din il-wirja, li issa nitolbok Onorevoli Ministru biex tiftaħ u lilek Eċċellenza Reverendissima Mons Isqof biex tbierek, fil-preżenza ta' dawn il -mistednin distinti, trid tkun mhux għajr l-ewwel pass sabiex lil Mons Giuseppe Farrugia jintraddlu postu fl-istorja kulturali, kattolika u patrijottika ta' pajjiżna.
Grazzi ħafna.



*Il-Ministru Tabone jitkellem waqt l-inawgurazzjoni tal-Wirja.*



*Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi jidher ibierek il-Wirja.*



*Mijiet ta' nies iżuru l-Wirja.*



*Parti mill-esebiti fil-Wirja fil-Banca Giuratale*